Nru./No. 21,354
Prezz/Price
€2.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 3 ta' Diċembru, 2024
Tuesday, 3rd December, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 29,181 - 29,186
Government Notices ..... *29,181 - 29,186*

Avviżi tal-Pulizija ..... 29,186 - 29,189
Police Notices ..... *29,186 - 29,189*

Avviżi lill-Baħħara ..... 29,189 - 29,191
Notices to Mariners ..... *29,189 - 29,191*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 29,191 - 29,192
Employment Opportunities ..... *29,191 - 29,192*

Avviżi tal-Gvern ..... 29,193 - 29,194
Notices ..... *29,193 - 29,194*

Offerti ..... 29,194 - 29,199
Tenders ..... *29,194 - 29,199*

Avviżi tal-Qorti ..... 29,199 - 29,232
Court Notices ..... *29,199 - 29,232*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1714

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġobha tapprova l-għoti ta' kummissjoni fir-rank ta' Maġġur, lill-eks Maġġur Daren Micallef u t-trasferiment mil-lista ta' Riżerva tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mis-6 ta' Diċembru, 2024.

It-3 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1715

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XXXVII tal-2024 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda Liġijiet Varji dwar is-Servizzi Veterinarji u t-Trattament Xieraq tal-Annimali.

It-3 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1716

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,350 tas-26 ta' Novembru, 2024 (Avviżi Legali 320 sa 322) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,352 tad-29 ta' Novembru, 2024 (Avviżi Legali 323 sa 326) rispettivament.

A.L. 320 tal-2024: Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424); Regolamenti tal-2024 li jħassru Diversi Liġijiet Sussidjarji taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

A.L. 321 tal-2024: Att tal-2024 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Att Nru XXXIII tal-2024) (Kap. 646); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1714

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the grant of a commission in the rank of Major, to former Major Daren Micallef and the transfer from Reserve List of the Armed Forces of Malta to the Regular Force of the Armed Forces of Malta with effect from 6th December, 2024.

3rd December, 2024

No. 1715

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXXVII of 2024 entitled the Various Laws related to Veterinary Services and Animal Welfare (Amendment) Act, 2024.

3rd December, 2024

No. 1716

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,350 of 26th November, 2024 (Legal Notices 320 to 322) and Government Gazette No. 21,352 of 29th November, 2024 (Legal Notices 323 to 326) respectively.

L.N. 320 of 2024: Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424); Repeal of Various Subsidiary Legislation under the Occupational Health and Safety Authority Act Regulations, 2024.

L.N. 321 of 2024: Health and Safety at Work Act, 2024 (Act No. XXXIII of 2024) (Cap. 646); Commencement Notice.

A.L. 322 tal-2024: Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Kap. 646); Regolamenti tal-2024 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Proċeduri fir-rigward tal-Ħruġ ta' Penali Amministrattivi).

L.N. 322 of 2024: Health and Safety at Work Act (Cap. 646); Health and Safety at Work (Procedures in relation to the Issuance of Administrative Penalties) Regulations, 2024.

A.L. 323 tal-2024: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Rilevanti għall-Industrija).

L.N. 323 of 2024: Income Tax Act (Cap. 123); Deductions and Tax Credits (Relevant Qualifications for Industry) (Amendment) Rules, 2024.

A.L. 324 tal-2024: Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentiv għal Intrapriżi Mikro (Emenda Nru 2).

L.N. 324 of 2024: Malta Enterprise Act (Cap. 463); Micro Investment (Amendment No. 2) Regulations, 2024.

A.L. 325 tal-2024: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Ordni tal-2024 dwar Perjodi ta' Applikabilità ta' Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti).

L.N. 325 of 2024: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Periods of Applicability of Exemptions (Duty on Documents and Transfers Act) Order, 2024.

A.L. 326 tal-2024: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti tal-2024 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol fit-Trasport fl-Ilmijiet Navigabbli Interni.

L.N. 326 of 2024: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Organisation of Working Time in Inland Waterway Transport Regulations, 2024.

Is-26 ta' Novembru, 2024

26th November, 2024

Nru. 1717

No. 1717

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

Il-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Uffiċjali msemmija hawn taħt għar-rank ta' Maġġur b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

THE Minister for Home Affairs, Security and Employment has the pleasure to approve the promotion of the under mentioned Officers to the rank of Major with effect from the date as shown against their name.

Il-Kaptan Stephanie Debono	26 ta' Lulju, 2024
Il-Kaptan Andre Buhagiar	26 ta' Lulju, 2024
Il-Kaptan Matthew Zammit	26 ta' Lulju, 2024
Il-Kaptan Mark Mercieca	26 ta' Lulju, 2024
Il-Kaptan James Gauci	26 ta' Lulju, 2024

Captain Stephanie Debono	26th July, 2024
Captain Andre Buhagiar	26th July, 2024
Captain Matthew Zammit	26th July, 2024
Captain Mark Mercieca	26th July, 2024
Captain James Gauci	26th July, 2024

It-3 ta' Diċembru, 2024

3rd December, 2024

Nru. 1718

No. 1718

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-25 ta' Novembru, 2024:

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 25th November, 2024.

Kunsill Lokali *Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Ħal Għargħur Jeanette Galea

It-3 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1719

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

Local Council *Deputy Executive Secretary*

Ħal Għargħur Jeanette Galea

3rd December, 2024

No. 1719

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Aġenzija ta' Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Dorian Tanti	195992M	Private Address: 217, Shalom, Triq il-Karmnu, Ħal Luqa Agency Address: E. Briffa Tanti Limited, 216, Triq il-Karmnu, Ħal Luqa

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjan Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Dorde Markovic	246152A	Birguma Heights, Flat E7, Triq Andrea Debono, In-Naxxar
Santosh Thapa	446794A	17, Clair De Lune, Flat 2, Triq il-Kavetti, Marsaskala
Nabin Luitel	446669A	17, Clair De Lune, Flat 2, Triq il-Kavetti, Marsaskala
Moti Kumar Shrestha	420020A	St Georges Flats, Flat 6, Triq id-Denċi, Il-Mellieħa
Nur Shamim	257969A	Rainbow, Flat 5, Triq il-Lewż, Il-Gudja
Christine Piscopo	295393M	Blk 1, Bieb B, Flat 18, Triq tal-Mitħna, Il-Gudja
Elton Zammit	72098M	Prestige Crt, Flat 2, Triq is-Sardinella, Il-Fgura
Larsin Attard	234505L	Briffa, Flat 4, Triq Lydda, Ħal Qormi
Joseph Sciberras	221260M	28, Triq Santa Marija, Ħaż-Żabbar
Tom Cachia	36598M	56, Triq Lazzru Pisani, Ħaż-Żebbuġ
Joseph Zammit	84573M	53, Triq Sant'Anġlu, Birżebbuġa
Steven-Paul Chetcuti	33390M	Aberfeldy, Flat 1, Triq Franġisk Zahra, Il-Mellieħa
Carmel Casha	235666A	59, Evanjohn, Triq l-Iżbandola, Ħal Qormi

Shawn Borg	146606L	Residual Blk, Flat 6, Triq Wiġi Rosato, Bormla
Mark Saliba	510386M	33, Gardenia, Triq Vinc. Dimech, Iż-Żurrieq
Zaiaak Fenech	314206L	Blk H, Flat 3, Triq Melintone Scerri, Il-Ħamrun
Christian Farrugia	91799M	Tal-Guber, Binġemma, Limiti tar-Rabat
Gordon Camilleri	146579M	2, Seashell Crt, Flat 1, Triq l-Awwista, Marsaxlokk
Brandon Grech	405595M	116, Blue Sapphire, Flat 2, Triq Ħal Kirkop, L-Imqabba
David Farrugia	205074M	Ħolma, Flat 6, Triq it-Tagħlim, Il-Fgura
Cedric Attard	543489M	67, Thomas Town, Triq Joseph Abela Scolaro, Il-Ħamrun
Carmela Micallef	259664M	App il-Ġublew tal-Fidda 1964-1989, Blk 3, Flat 3, Triq Karlu Darmanin, Ħal Kirkop
Alex Ajin	449097A	13, Lourdes Court, Flat 14, Triq Felice Borg, San Ġwann
John Neville Vassallo	608653M	12A, Triq l-Għollieq, Santa Venera
Clayton Galea	542683M	Għajn Kajjet, Blk A, Flat 8, Misraħ il-Feniċi, Ir-Rabat
Vincent Mallia	179678M	Ent. F, Flat 3, Triq l-Ajkla, Bormla
Joseph Mary Caruana	208968M	93, Soleil, Triq in-Ninfa Calypso, Il-Mellieħa
Brandon Savona	393600L	108, Blk C, Flat 1, Triq l-Alfier De Medran, Ħal Tarxien
Cole Magro	247603L	Tower A2, Flat 1122, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid
Bartholomew Bonnici	468464M	Esperanza Crt, Blk A, Flat 1, Triq San Ġużepp, Il-Mosta
Domenica Callus	512461M	36 G T Crt, Blk D, Flat 8, Triq Jean De La Valette, San Pawl il-Baħar
Mario Bugeja	37983G	St Joseph, Triq Ta' Marziena, Il-Munxar, Għawdex
Rita Bugelli	316967M	1, Riadone, Triq Merill, Ħad-Dingli
Loto Rotimi	435907A	Blue Horizon, Blk B, Flat 2, Triq l-Għawwiema, Marsaskala
Henry Tanti	48166M	8, Bamboo, Triq Antonio Galea, Birkirkara
Christ Scerri Urry	222392M	Fred, Flat 6, Triq Wied Glavan, Ix-Xgħajra
Michael Sacco	27664G	Casa Francesco, Triq Ta' Brieret, Ix-Xagħra, Għawdex
Raissa Cachia	239793M	Blk B, Flat 6, Triq il-Ħarriġiet, L-Imqabba
Milan Bahadur Gurung	406044A	229, Triq l-Imdina, Ħal Qormi
Dilleram Khanal	325892A	37, Wind Rose, Flat 5, Triq l-Iskola, Il-Mosta
Kieran Farrugia	263406L	Blk 12, Bieb B, Flat 16, Triq it-Tulipani, San Ġwann
John Formosa	178763M	14, Rosjon, Sqaq Rjallu, Il-Fgura
Raymond Cachia	428258M	Binja Ħarriġiet, Ent. B, Flat 6, Triq il-Ħarriġiet, L-Imqabba
Sharooq Mohammad	367838A	Princess Court, Blk B, Flat 9, Triq il-Karmnu, San Ġiljan
Mamun Uddin	447424A	158, Mizzi Flats, Flat 3, Triq San Xmun, San Pawl il-Baħar
Rajin Thapa	446315A	San Anton Hotel Garden, Blk 46, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar
Emmanuel Olajide Ajayi	418690A	9, Giulia Crt, Flat 3, Triq Kavallieri ta' Malta, Marsaskala
Teddy Azzopardi	42062G	Holy Christ, Triq Għajn Qatet, Ir-Rabat, Għawdex
Maurizio Vella	159893M	Blk B, Flat 1, Triq San Ġużepp, Il-Belt Valletta
Jeffrey Zammit	154995M	53, Toowoomba, Flat 2, Triq Korfù, In-Naxxar
Raymond Joseph Gauci	529982M	122, Ivory Crt, Flat 3, Triq l-Akkwedott, Birkirkara
Robert Aquilina	474264M	38, Wild Cherry, Flat 2, Triq Ħabbież, Ħal Qormi
Alexander Vella	344369M	194, Perla, Triq il-Ħtajriet, Il-Mosta

Emanuel Delia	369562M	25, Delrace, Triq is-Salvja, Marsaskala
Saviour Bianchi	372370M	383, Ta' Bianchi, Triq il-Kbira, Ħal Qormi
John Cassar	73869M	43, Josjohn, Triq iż-Żurrieq, L-Imqabba
Sonia Brincat	449773M	Blk 1A, Flat 7, Triq il-Fosos, Il-Furjana
Dumitru Flocea	206013A	Residensea, Blk A, Flat 3, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar
Raju Dhakal	454830A	57, Sant Anna, Flat 3, Triq Farsons, Il-Ħamrun
Norman Zammit	93360M	4, Norcon, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, L-Imqabba
Jurgen Calleja Farrugia	546289M	St Mary's, Blk B, Flat 6, Triq it-Tabib Gregorio Mifsud, Il-Qrendi
Stephen Paul Durward	326407L	Ortensia Crt, Flat 1, Triq il-Ħotba, Il-Qala, Għawdex
Abderrahim Amine	458621A	215, Elenia Crt, Flat 6, Telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar
Raymond Cauchi	19166G	Ta' Nardina Crt, Flat 5, Triq John Gaspard Le Marchant, Il-Fontana, Għawdex
Ivan (John) Formosa	510165M	157, Flat 5, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Paul Mary Attard	735659M	189, Triq San Mikiel, Birżebbuġa
Carmen Bugeja	252581M	122, St Anthony's Crt, Flat 14, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar
Manolito Bugeja	301577M	122, St Anthony's Crt Flat 14, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar
Michael Pace	268760M	64, Dormar, Triq Borg, Birkirkara
Anthony Sciberras	358065M	Gejtsalforn, Triq Manwel Magro, Iż-Żebbuġ, Għawdex
Antoine Sciberras	186167M	Taurus F/H, Triq tal-Ħaddedin, L-Imġarr
Cesar Augusto Mena Hinestroza	342531A	Edelweiss, Triq ix-Xiber, Is-Swieqi
Keith Caruana	25279M	Lucienne, Flat 2, Triq il-Kummerċ, Birżebbuġa
Gezim Bashaliu	409389A	26, Railway Crt, Flat 5, Triq Santa Marija, Birkirkara
Osamudiamen Michael Ebhohimen	435594A	Palm Residence, Blk C, Flat 6, Triq Patri Mattew Sultana, Il-Kalkara
Mario Mifsud	799256M	8, Stella Maris, Triq l-Istwiel, Ħ'Attard
Alessandro Ragusa	197902L	Binja L, Ent. C, Flat 8, Misraħ il-Qalbiena Maltin, Ħaż-Żabbar
Chantelle Camilleri	561891M	114, Lilmar, Flat 2, Triq il-Kampanella, Il-Fgura

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary

il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-3 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1720

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
3.12.2024	€81.007	€0.939

It-3 ta' Diċembru, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 268

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

3rd December, 2024

No. 1720

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

3rd December, 2024

POLICE NOTICE

No. 268

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Malta

Minn nhar l-Erbgħa, 18 ta' Diċembru, 2024, sal-Ħamis, 2 ta' Jannar, 2025, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Pjazza San Pawl.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Diċembru, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 269

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Minn nhar l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru, 2024, fis-7.00 a.m., sat-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2024, fil-11.30 p.m., minn Triq San Ċiru bejn Triq il-Kbira u Triq Santa Katarina;

Minn nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2024, fis-7.00 a.m., sat-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2024, fil-11.30 p.m., minn Triq il-Kbira bejn Triq Raymond Caruana u Triq Ġ. Cassar u Triq William Baker bejn Triq il-Kbira u Triq San Mark;

Nhar is-Sibt, 7 ta' Diċembru, 2024, mid-9.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq Raymond Caruana.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Furjana

Minn nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2024 sal-Ħadd, 5 ta' Jannar, 2025, il-ġranet kollha, minn Vjal ir-Re Dwardu VII bejn Triq l-Assedju l-Kbir u l-Funtana tat-Tritoni.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat, Malta

From Wednesday, 18th December, 2024, to Thursday, 2nd January, 2025, from 7.00 a.m. onwards, through Pjazza San Pawl.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

3rd December, 2024

POLICE NOTICE

No. 269

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Gudja

From Wednesday, 4th December, 2024, at 7.00 a.m., to Monday, 9th December, 2024, at 11.30 p.m., through Triq San Ċiru between Triq il-Kbira and Triq Santa Katarina;

From Friday, 6th December, 2024, at 7.00 a.m., to Monday, 9th December, 2024, at 11.30 p.m., through Triq il-Kbira between Triq Raymond Caruana and Triq Ġ. Cassar and Triq William Baker between Triq il-Kbira and Triq San Mark;

On Saturday, 7th December, 2024, from 9.00 a.m. onwards, through Triq Raymond Caruana.

Public transport will be affected.

Floriana

From Friday, 6th December, 2024 to Sunday, 5th January, 2025, all days, through Vjal ir-Re Dwardu VII between Triq l-Assedju l-Kbir and Triton Fountain.

Road closures will take place as required.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

L-Imqabba

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2024, mill-4.15 p.m. sad-9.30 p.m., minn Misraħ il-Knisja (il-parti tal-każin Tal-Ġilju), Triq San Bażilju, Misraħ il-Knisja, Triq il-Karmnu, Triq il-Belt Valletta u Triq il-Parroċċa.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Diċembru, 2024, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq ir-Re Dwardu VII kollha, Triq ir-Repubblika bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Duminku, Triq Merkanti bejn Triq San Kristofru u Triq San Duminku, Triq San Kristofru bejn Triq id-Dejqa u Triq ir-Repubblika u l-parkeġġ kollu tal-Bank Ċentrali;

Minn nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Diċembru, 2024, fis-1.00 p.m., sal-Ħadd, 15 ta' Diċembru, 2024, f'nofsillejl, minn Triq ir-Repubblika bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Duminku u l-parkeġġ kollu tal-Bank Ċentrali.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) mhux se jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn.

Ħal Qormi

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Diċembru, 2024, mid-9.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq San Bartolomew, Triq il-Vitorja u Triq Dun Ġwakkin Schembri.

Mhux se jkun hemm bżonn ta' clearance.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Diċembru, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 270

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Public transport will not be affected.

Mqabba

On Sunday, 8th December, 2024, from 4.15 p.m. to 9.30 p.m., through Misraħ il-Knisja (the part of Tal-Ġilju band club), Triq San Bażilju, Misraħ il-Knisja, Triq il-Karmnu, Triq il-Belt Valletta and Triq il-Parroċċa.

Public transport will be affected till the passing by of the procession.

Valletta

On Friday, 13th December, 2024, from 5.00 a.m. to 2.00 p.m., through all of Triq ir-Re Dwardu VII, Triq ir-Repubblika between Triq l-Arċisqof and Triq San Duminku, Triq il-Merkanti between Triq San Kristofru and Triq San Duminku, Triq San Kristofru between Triq id-Dejqa and Triq ir-Repubblika and all of Central Bank's parking area;

From Friday, 13th December, 2024, at 1.00 p.m., to Sunday, 15th December, 2024, at midnight, through Triq ir-Repubblika between Triq l-Arċisqof and Triq San Duminku and all of Central Bank's parking area.

Public transport (Valletta Circular Bus) will not be affected.

Road closure will take place as required.

Ħal Qormi

On Sunday, 22nd December, 2024, from 9.30 a.m. to noon, through Triq San Bartolomew, Triq il-Vitorja and Triq Dun Ġwakkin Schembri.

No clearance is needed.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

3rd December, 2024

POLICE NOTICE

No. 270

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħal Għaxaq

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq il-Gudja bejn Triq Dun Marċell Mallia u Triq San Filippu, Triq iċ-Ċeppun, Triq San Filippu, Triq Santa Marija bejn Triq Santu Rokku u l-knisja parrokkjali u Triq il-Knisja.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm jgħaddi l-kor.

Ħ'Attard

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2024, mill-5.30 p.m. sat-7.45 p.m., minn Triq San Duminku, Triq il-Mitħna, Triq Ant. Schembri, Triq il-Linja, Triq Manchè, Triq il-Flora, Triq il-Mixtla, Triq iż-Żraġen, Triq Kananea, Triq il-Katlan, Triq l-Għenieqed, Triq Pawlu Borg, Triq l-Inbid, Triq l-Għenba, Triq il-Kampanella, Triq Mario Cortis, Triq Caruana Gatto u Triq il-Mosta.

Għeluq se jkun meħtieġ u m'hemmx bżonn devjazzjoni ta' trasport pubbliku.

Ħal Balzan

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2024, mill-5.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Providenza, Triq il-Kbira, Triq Idmejda, Triq Sisner, Triq San Valentinu, Pjazza Santa Marija u Pjazza Bertu Fenech.

L-għeluq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Diċembru, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 162 tal-2024

Xogħol ta' upgrading fix-Xatt ta' Pinto 4 u 5 u parti mill-moll ta' Lascaris fil-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li se jsir xogħol ta' upgrading fuq Pinto Wharf 4 u 5 u parti minn Lascaris Wharf fil-Port il-Kbir.

Ix-xogħlijiet se jibdew l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru, 2024, u mistennija jitlestew sal-aħħar ta' Ġunju, 2026.

Iż-żona ffurmata billi tgħaqqad il-punti A, B, C, D u l-linja tax-xatt ta' bejniethom kif muri fis-sit elettroniku ta'

Ħal Għaxaq

On Wednesday, 11th December, 2024, from 9.00 a.m. to noon, through Triq il-Gudja between Triq Dun Marċell Mallia and Triq San Filippu, Triq iċ-Ċeppun, Triq San Filippu, Triq Santa Marija between Triq Santu Rokku and the parish church and Triq il-Knisja.

Public transport will be affected till the passing by of the choir.

Ħ'Attard

On Tuesday, 24th December, 2024, from 5.30 p.m. to 7.45 p.m., through Triq San Duminku, Triq il-Mitħna, Triq Ant. Schembri, Triq il-Linja, Triq Manchè, Triq il-Flora, Triq il-Mixtla, Triq iż-Żraġen, Triq Kananea, Triq il-Katlan, Triq l-Għenieqed, Triq Pawlu Borg, Triq l-Inbid, Triq l-Għenba, Triq il-Kampanella, Triq Mario Cortis, Triq Caruana Gatto and Triq il-Mosta.

Closures will be as required and no diversion is needed for public transport.

Ħal Balzan

On Tuesday, 24th December, 2024, from 5.30 p.m. to 8.30 p.m., through Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Providenza, Triq il-Kbira, Triq Idmejda, Triq Sisner, Triq San Valentinu, Pjazza Santa Marija and Pjazza Bertu Fenech.

Closures will be as required and public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

3rd December, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 162 of 2024

Upgrading work on Pinto Wharf 4 and 5 and part of Lascaris Wharf in Il-Port il-Kbir

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that upgrading work on Pinto Wharf 4 and 5 and part of Lascaris Wharf in Il-Port il-Kbir, will be carried out.

The works will start on Wednesday, 4th December, 2024, and are expected to be completed by the end of June, 2026.

The area formed by joining the points A, B, C, D and the intermediate coastline as shown on the chart on Transport

Transport Malta (www.transport.gov.mt), tkun żona ta' No Entry.

Punt	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.652	014° 30'.801
B	35° 53'.621	014° 30'.828
C	35° 53'.504	014° 30'.653
D	35° 53'.542	014° 30'.619

Se titqiegħed silt curtain fiż-żona ta' hawn fuq u se tkun imċaqalqa skont iż-żona li jkun qiegħed isir ix-xogħol fuqha. Il-pożizzjoni tas-silt curtain se tkun immarkata b'bagi b'dawl oranġjo li jteptep.

Se jintużaw il-bastimenti li ġejjin: Safety boat, workboat/ tugs, jack-up barges iġorru tagħmir differenti, dredger u barges biex jittrasportaw il-materjal.

Il-bastimenti involuti f'dawn ix-xogħlijiet biss jitħallew jidħlu fiż-żona hawn fuq imsemmija, u l-ebda bastiment mhu se jitħalla juża Pinto Wharf 4 u 5, ħlief dawk involuti fix-xogħlijiet.

Fejn ix-xogħol jeħtieġ l-assistenza ta' għaddasa, se tittajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A' waqt li jkun qed isir l-għadis.

Għandha tinżamm distanza ta' sigurtà ta' 50m fejn possibbli.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti għandhom joqogħdu attenti u jinnavigaw b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu qrib iż-żona msemmija hawn fuq.

Huma għandhom ukoll josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS

Charts affettwati: BA 177

It-3 ta' Diċembru, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 163 tal-2024

Kanċellazzjoni ta'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 43 tal-2021 – xogħol ta' ristrutturar mill-ġdid fuq il-breakwater tal-Marfa fir-Ramla tal-Bir fil-Fliegu ta' Kemmuna

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li x-xogħol ta' ristrutturar fuq il-breakwater tal-Marfa fir-Ramla tal-Bir fil-Fliegu ta' Kemmuna, imsemmi f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 43 tal-2021 tlesta.

Malta website (www.transport.gov.mt), will be a No Entry area.

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 53'.652	014° 30'.801
B	35° 53'.621	014° 30'.828
C	35° 53'.504	014° 30'.653
D	35° 53'.542	014° 30'.619

A silt curtain will be laid within the above area and will be shifted depending on the area that is being worked upon. The position of the silt curtain will be marked using buoys with orange flashing lights.

The following vessels will be used: Safety boat, workboat /tugs, jack-up barges carrying different equipment, dredger and barges to transport material.

Only vessels involved in these works are permitted to enter the abovementioned area, no vessel will be permitted to use Pinto Wharves 4 and 5, except those involved in the works.

Where the work requires the assistance of divers; the International Code of Signals flag "A" will be displayed while diving operations are being carried out.

A safety distance of 50m from the above-mentioned is to be kept where possible.

Masters and vessel operators are to keep a sharp lookout and navigate at very slow speed (no wake) when in proximity of the abovementioned area.

They are also to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS

Chart affected: BA 177

3rd December, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 163 of 2024

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 43 of 2021 – refurbishment work on Marfa breakwater at Ir-Ramla tal-Bir in Il-Fliegu ta' Kemmuna

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the refurbishment work on Marfa breakwater at Ir-Ramla tal-Bir in Il-Fliegu ta' Kemmuna, mentioned in Local Notice to Mariners No. 43 of 2021, has been completed.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 43 tal-2021 huwa b'dan ikkanċellat.

It-3 ta' Diċembru, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 164 tal-2024

Kanċellazzjoni ta' Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 225 tal-2023 rigward ħsara fuq skal fil-Qajjenza – Il-Port ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-ħsara l-iskal fil-Qajjenza – Il-Port ta' Marsaxlokk, imsemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 225 tal-2023, ġiet imsewwija.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 225 tal-2023 huwa b'dan ikkanċellat.

It-3 ta' Diċembru, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Assistent fil-Librerija, Tqassim ta' Riżorsi fl-Iskejjel u d-Djar, full-time, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 1132/2024

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Assistent fil-Librerija, Tqassim ta' Riżorsi fl-Iskejjel u d-Djar, full-time, b'kuntratt indefinit.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Liċenzja tas-sewqan: Kategorija B, B1; U

2. Sitt ċertifikati taċ-ĊES (Gradi 1-5) jew GCE (Gradi A-C), li jinkludu l-Malti u l-Ingliż, jew kwalifiki rikonoxxuti ekwivalenti; U

3. Żewġ ċertifikati fil-Livell Avvanzat, preferibbilment fil-Malti u fl-Ingliż (Gradi A-C) jew kwalifiki rikonoxxuti ekwivalenti; U

4. Kompetenza fl-użu tal-applikazzjonijiet diġitali (preferibbilment bl-ECDL/ICDL).

Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil applikanti li huma mħarrġa fl-użu ta' software li jintuża fil-libreriji u/jew

Local Notice to Mariners No. 43 of 2021 is hereby cancelled.

3rd December, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 164 of 2024

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 225 of 2023 – damage to slipway in Qajjenza – Il-Port ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the damage to slipway in Qajjenza – Il Port ta' Marsaxlokk, mentioned in Local Notice to Mariners No. 225 of 2023, has been repaired.

Local Notice to Mariners No. 225 of 2023 is hereby cancelled.

3rd December, 2024

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for full-time Library Assistant with delivery duties within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 1132/2024

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Library Assistant with delivery duties, on an indefinite contract.

Applicants are to satisfy the below eligibility criterias till the closing date:

1. Driving Licence: Category B, B1, AND

2. Six SEC (Grades 1-5) or GCE (Grades A-C) certificates, which should include both Maltese and English, or recognised appropriate comparable qualifications, AND

3. Two subjects at Advanced level, preferably in Maltese and English (Grades A-C) or recognised appropriate comparable qualifications, AND

4. Computer literate (ideally in possession of ECDL/ICDL).

Due consideration will be given to applicants who are knowledgeable in library management software and/or have

għandhom kwalifiki fil-ħidma tal-librara u/jew esperjenza verifikata ta' xogħol relatat.

Deskrizzjoni dettaljata tar-rwol u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tista' tinkiseb minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta rreġistrata lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 2024, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-3 ta' Diċembru, 2024

FESTIVALS MALTA

Vakanzi fl-Aġenzija Festivals Malta

Numri tal-Permessi tal-Jobsplus 1125/2024; 1126/2024; 1127/2024; 1129/2024; 1131/2024; 1134/2024

L-Aġenzija Festivals Malta, taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, tgħarraf li qed tirċievi applikazzjonijiet minn individwi għax-xogħol ta':

a) Programming and Production Officer
b) Senior Officer (Communications)
c) Senior Officer (Creative)
d) Senior Officer (Archivist)
e) Senior Officer (Festivals)
f) Tradesperson (Logistics Services)

L-applikazzjonijiet se jintlaqgħu mill-Aġenzija sal-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru, 2024, sa nofsinhar, permezz ta' ittra elettronika lil (info.fm@festivals.mt).

Iktar informazzjoni tista' titniżżel mis-sit elettroniku ta' Festivals Malta (www.festivals.mt/calls-and-applications).

It-3 ta' Diċembru, 2024

qualifications related to librarianship and/or have proven relevant work experience.

A detailed job description, including conditions of employment, can be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Tuesday, 17th December, 2024 at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

3rd December, 2024

FESTIVALS MALTA

Vacancies in Festivals Malta Agency

Jobsplus Permit Number 1125/2024; 1126/2024; 1127/2024; 1129/2024; 1131/2024; 1134/2024

Festivals Malta Agency, under the responsibility of the Ministry for National Heritage, the Arts and Local Government, invites applications for the posts of:

a) Programming and Production Officer
b) Senior Officer (Communications)
c) Senior Officer (Creative)
d) Senior Officer (Archivist)
e) Senior Officer (Festivals)
f) Tradesperson (Logistics Services)

Applications are to be received by not later than Friday, 20th December, 2024, at noon, by email to (info.fm@festivals.mt).

Further information can be found on the Festivals Malta website (www.festivals.mt/calls-and-applications).

3rd December, 2024

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Reġistrazzjoni

Ordni Nru 17

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem 'Koperattiva Vitimalta Ltd' u l-istatut tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fil-25 ta' Novembru, 2024, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 (1) tal-Att Numru XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

Il-25 ta' Novembru, 2024
CB 34/79/164

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Registration

Order No. 17

It is hereby notified that the Society with the name 'Koperattiva Vitimalta Ltd' and its statute were registered by the Co-operatives Board on the 25th November, 2024, in accordance with the provisions of Article 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

25th November, 2024

KUNSILL LOKALI Ż-ŻURRIEQ

Laqgħa Annwali ta' Konsultazzjoni

Il-laqgħa annwali ta' konsultazzjoni mal-persuni kollha li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali taż-Żurrieq se tinżamm nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024, fiċ-Ċentru tal-Komunità Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż-Żurrieq, fil-5.30 p.m.

It-3 ta' Diċembru, 2024

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

Annual Consultation Meeting

The annual consultation meeting with all the persons whose name appears in the Żurrieq electoral register will be held on Wednesday, 11th December, 2024, at the Ċentru tal-Komunità Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq, at 5.30 p.m.

3rd December, 2024

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf li nhar is-Sibt, 7 ta' Diċembru, 2024, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., u nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2024, mis-7.00 a.m. sal-11.00 a.m., l-ipparkjar ta' vetturi huwa pprojbit f'parti mill-pjazza tal-knisja (faċċata tal-Każin tal-Ġilju).

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

It-3 ta' Diċembru, 2024

MQABBA LOCAL COUNCIL

Parking Suspension

The Mqabba Local Council notifies that on Saturday, 7th December, 2024, from 5.00 p.m. to 7.00 p.m., and on Sunday, 8th December, 2024, from 7.00 a.m. to 11.00 p.m., parking of vehicles will be prohibited in part of pjazza tal-knisja (in front of Tal-Ġilju Band Club).

The public transport services will not be affected.

3rd December, 2024

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Għeluq tat-Triq u Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf li nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2024, mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m., il-pjazza tal-knisja se tkun magħluqa għat-traffiku. L-ipparkjar ta' vetturi fil-pjazza fl-imsemmija ġurnata u ħinijiet huwa ipprojbit.

MQABBA LOCAL COUNCIL

Road Closure and Parking Suspension

The Mqabba Local Council notifies that on Sunday, 8th December, 2024, from 3.00 p.m. to 11.00 p.m., the church square will be closed for traffic. Parking of vehicles in the square on the specified day and during the mentioned times is strictly prohibited.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

It-3 ta' Diċembru, 2024

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf li minn nhar il-Erbgħa, 18 ta' Diċembru, 2024 sas-Sibt, 21 ta' Diċembru, 2024 mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m., l-ipparkjar ta' vetturi huwa ipprojbit f'parti mill-pjazza tal-knisja (quddiem il-każin ta' Santa Marija).

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

It-3 ta' Diċembru, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024.

